**Ġrajjiet, Drawwiet, Tifkiriet**

(Minn Mons. Prof. Arturo Bonnici)

# IL-MUNITI L-ĠODDA U L-ISTORJA TA' MALTA

**Minn ftit żmien 'il hawn bdejna naraw l-ewwel biċċiet tal-flus ġodda deċimali. Dalwaqt ikollna f'idejna l-biċċiet l-oħra li fadal, biex fis-16 ta' Mejju tista' ssir il-bidla uffiċjali mill-£. s. d. tas-sistema l-qadim għall-£M. ċ. m. tas-sistema l-ġdid.**

Kien xieraq li Malta, bħal pajjiżi oħra, tuża s-sistema deċimali fil-flus. Għalkemm fil-bidu t-tibdila tista' tfixkel lil dawk li draw u xjieħu fis-sistema l-qadima, maż-żmien dik ġdida għad tindara u żgur li tkun aktar faċli għall-kontijiet minn dik ta' qabel. Ta' vantaġġ kbir għal dan il-għan huwa n-numru li fiha kull biċċa u li juri s-siwi tagħha.

### Nikil, ram u aluminju

Il-muniti tal-50 ċenteżmi *(cents)*, tal-10 ċenteżmi, tal-5 ċenteżmi u taż-2 ċenteżmi, magħmulin min-nikil imħallat mar-ram (flok il-fidda), u jsarrfu nofs lira, żewġ xelini, xelin, u 5 soldi tal-lum. Iċ-ċenteżmu huwa magħmul mir-ram biss u jsarraf 2½d. tal-lum. Imbagħad jiġu l-milleżmi *(mils)* bil-valur tagħhom warajhom, magħmulin mill-aluminju, u għalhekk eħfef miċ-ċenteżmi fil-piż tagħhom. Il-valuri tagħhom huma 5, 3 u 2 milleżmni, u billi kull milleżmu jiswa daqs tliet ħabbiet ta' dari, il-valuri tagħhom huma ta' 15-il ħabba (sold u tlieta), disa' ħabbiet (sold nieqes tlieta) u sitt ħabbiet (nofs sold).

Naħseb li għal ħafna din it-tifsira hija żejda, għaliex diġà bdew jagħarfu sewwa dawk il-muniti aktar minni; għalhekk, ser ngħaddi issa għall-faċċata l-oħra ta' l-istess muniti u għal dak li jfakkruna x-xbihat li hemm f'kull faċċata, li b'għan fejjiedi ngħażlu ħalli jġerruna ma' l-istorja ta' Pajjiżna matul iż-żminijiet.

Miniex se nieħu l-muniti wara xulxin skond il-valur tagħhom, iżda skond iż-żmien li kull xbiha tfakkarna fih.

### L-artal ta' Ħaġar Qim

Nibda bil-munita ta' 5 ċenteżmi li teħodna 'l bogħod 'il bogħod, fuq l-elfejn sena qabel ma Kristu ġie fid-dinja, meta missirijietna bdew jibnu tempji kbar, fejn iqimu 'l allat tagħhom: Melkarth (sid il-belt, jew alla tal-belt) u Astarti (allàmara ewlenija tagħhom), imsejħa wkoll Tanit. Dawk it-tempji huma llum għajn ta' kburija għalina l-Maltin u ta' kurżità għall-barranin. Xempju ewlieni tagħhom huwa dak ta' Ħaġar Qim, ħdejn il-Qrendi, li ġie mikxuf fis-sena 1839. Ix--xbiha fil-munita li semmejna turi artal misjub f'Ħaġar Qim, li jikkonsisti f'pedistall li jispiċċa bi speċi ta' skudella mhix fonda. Il-faċċati tal-pedistall huma mżejna b'toqob ħdejn xulxin fil-ġebla u f'kull faċċata hemm fin-nofs minn isfel sa fuq, minquxa qasrija bi pjanta tawwalija, li tfisser is-siġra tal-ħajja.

Fuq l-iskudella li semmejna kienu jpoġġu l-għotjiet għas - sagrifiċċju lill-allat. Dan l-artal jinsab illum fil--Mużew Nazzjonali.

### Il-Gżira tal-Għasel

Il-munita ta' 3mils b'*naħla fuq xehda għasel*, iġġibli quddiem għajnejja l-prodott Malti li għalih kienet magħrufa Malta minn żmien il-qedem. Għalhekk xi whud ħasbu li l-isem ta' Malta, bil-Malti *Melita*, ġej mill-kelma Latina *mel*, li tfisser għasel. Oħrajn, forsi iżjed bir-raġun, igħidu li Malta ġejja minn *maleth*, li fi lsien feniċju tfisser qala, port — isem li aktarx tawhulha l-merkanti li kienu jsibu fil-gżira tagħna l-kenn tagħhom fil-baħar qawwi.

Hu x'inhu, żgur li Malta tipproduċi għasel tant tajjeb, li kien magħruf ma' kullimkien u għal xi żmien kien jingħata bħala mediċina kontra l-mard. Għandna post f'Malta msejjaħ Wied il-Għasel; irrid naħseb għaliex ix-xtieli ta' hemm huma tajbin biex in-naħal jerdgħu minnhom is-sugu għall-għasel.

### L-Imnara

Il-biċċa ta' 5 mils turi *imnara tal-fuħħar* biex jitqiegħed fiha l-musbieħ taż-żejt, li llum tinsab fil-Mużew. Din teħodni f'dawk iż-żminijiet meta setgħet inħadmet, jiġifieri fil-perijodu bejn il-miġja tal-Għarab u dik tal-Kavallieri (870-1530). U tfakkarni f'missirijietna taħt il-ħakma tal-Għarab, meta whud minnhom batew għall-Fidi ta' Kristu jew ħallsu taxxi iebsa, u oħrajn stqarrew illi Mawmettu huwa "l-Profeta"; u tħassibni fil-ħerba tal-knejjes matul il-220 sena ta' dik il-ħakma.

Din l-imnara ġġegħilni naħseb ukoll fin-niżla tal-Konti Ruġġieru fi Gżiritna, fir-rebħa tiegħu fuq il-Għarab fl-1090 u fl-ilsiera Maltin meħlusa jxejru s-slaleb tal-għuda u tal-qasab u jkantaw *Kyrie eleison* ħdejn is-swar ta' l-Imdina. U nara l-knejjes jissewwew u jitla' mill-ġdid il-Kattidral fil-Belt Qadima.

Barra dan, dik l-imnara tfakkarni f'meta, taħt l-Isvevi, il-Għarab li baqgħu Malta ikkomplottaw biex joqtlu lill-Maltin, u dawn imnebbħin daru għalihom f'Għajn il-Klieb. Iġġibli wkoll quddiem għajnejja n-nies ta' Celano, imkeċċijin mill-Italja, jidħlu fi Gżiritna; id-dieqa tal-Maltin taħt Karlu ta' Anjou u t-tbatija tagħhom meta Malta għaddiet taħt it-"Tiranni", li xtrawha bi flushom u xorbu demm niesna fi żmien l-Aragoniżi; u nara lil Malta meta, kif kiteb in-Nutar V. M. Pellegrini fl-*Epopea ta' Ġensna*, qamet f'rewwixta u ħebbet għat-tiranni u keċċiet l-aħħar tirann taħt il-Kastiljani, li kien Don Gunżalv Monroi, u kif kulħadd ta sehem

għall-fidwa ta' Gżiritna u l-ikbar somom
ingħataw dlonk min-nobbli u mill-kbarat:
għamlu ġbir il-Ġurati u l-qassisin
taw sehem minn ġidhom u fil-knejjes ġabru
dak kollu li mill-poplu setgħu jiksbu;
taw ir-raħħala u l-bdiewa u taw ir-romol;
għax Malta ta' kulħadd.

### "Il-Musbieħ tal-Mużew"

Imma l-imnara tfakkarni wkoll fil-musbieħ ta 'żminijiet iżjed 'il hinn minnha, fil-musbieħ tal-katakombi nsara. Dan jitqiegħed f'xi ħofra fil-ħajt u fid-dawl inemnem tiegħu kienu jiltaqgħu l-ewlenin insara. U hawn niftakar f'dak li kiteb fuqhom Dun Karm, il-poeta nazzjonali, fil-poeżija tiegħu *Il-Musbieħ tal-Mużew*:

Kienu kollhom henjin
jinġabru l-insara
— il għonja, il-fqajrin —

U jieħdu u jroddu
il-bewsa tas-sliem,
u, waqt illi jgħannu
ta' David il-kliem,

Dwar mejda tal-ħaġar
jintasbu flimkien,
mingħajr ebda għażla
ta' ġieh u ta' żmien,

U ż-żejjed tal-għani
man-nieqes tal-fqir
jitħallat, u jiekol
iċ-ċkejken mal-kbir.

### Is--Salib ta' Malta

Ngħaddu issa għall-munita taż-żewġ mils bis-*Salib tal-Kavallieri* bit-tmien ponot, li tfakkarni f'dak iż-żmien ta' 268 sena li ħakmu fuq il-Gżejjer Maltin dawk il-Kavallieri li, kif għanna Dun Karm:

Qawwija, qalbiena,
fil-hemm, fit-tiġrib,
bil-għelm fuq sidirhom,
ta' l-isbaħ salib,

U magħhom u warajhom,
il-muna tal-ġid:
il-ħasba u l-kidma
ixxittlu mill-ġdid.

Dak is-salib tal-Kavallieri, li llum jissejjaħ is-"Salib ta' Malta", kien xieraq li jidher f'munita Maltija.

### 40,000 kontra 8,000

Kien jixraq ukoll li minn tul il-perijodu li damu hawn il-Kavallieri ta' San Ġwann jintgħażel, għall-50 ċenteżmu, is-simbolu li jfisser l-aqwa ġrajja glorjuża għalihom u għall-Maltin. Din kienet ir-*Rebħa fuq it-Torok* ta' l-1565, meta 40,000 suldat Tork ħebbew għal Malta, u 8,000 bejn kavallieri u suldati Maltin, b'ħila kbira, keċċewhom 'il bogħod minn art twelidna, b'telfa u ħsara li kissret il-Qawwa Musulmana.

Din il-ġrajja diġà ġiet imfakkra fil-bronż b'monument mill-artist kbir Malti Antonju Sciortino minn Ħaż-Żebbuġ. Il-monument fil-qalba tal-Belt, bejn il-Qorti u San Ġwann, juri figura ta' raġel matnazz b'idejh poġġuti fuq xabla kbira u tarka twila, maġenbu żewġ nisa, il-waħda bit-tjara papali u l-oħra bir-ras ta' Minerva f'idejhom li jfissru l-ħila tal-Maltin imsaħħa mill-Fidi Nisranija u mill-kultura Latina.

### Hallewlna patrimonju tal-għaġeb

Wara dik ir-rebħa Malta ħadet ir-ruħ, u l-Kavallieri patroċinaturi ta' l-arti, bdew isebbħu lil Malta b'ġid grandjuż ta' knejjes u bereġ, b'xogħlijiet tal-pittura u skultura, u ssoktaw idawruha b'ħitan u fortizzi qawwija. Bħala xhieda ta' dan biżżejjed insemmu l--bini tal-Belt Valletta, il-belt li, kif qal Sir Walter Scott, "ġiet mibnija minn ġentlomi għall-ġentlomi", u l-Knisja

(ikompli f'paġna 11)

## GRAJJIET — DRAWWIET — TIFKIRIJIET

### IL-MUNITI L-GODDA U L-ISTORJA TA' MALTA

(Jaqbad minn paġna 4)
Konventwali ta' S. Gwann, bit-teżori prezzjużi tagħha.

Ukoll jekk missirijietna mhux dejjem kienu hienja taħthom, x'patrimonju artistiku ħallewlna l-Kavallieri! Patrimonju li llum sar għalina għajn ta' qligħ minn għand it-turisti, li jiġu jżuru Malta bil-ħsieb li jaraw dawk l-opri tal-għaġeb!

Ta' dawn l-opri hija sinjal il-munita taż-żewġ ċenteżmi, li turi r-*ras ta' Pantasilea,* reġina ta' l-Amazzoni, li kienet minquxa bħala medaljun fir-rħam, li kif igħid Sir Temistokle Zammit, instabet fil-Palazz tal-Grammastru, il-Belt.

**Dik ix-xini!**

Kien fl-aħħar żmien tal-ħakma ta' Malta mill-Ordni Ġerosolimitan li bdiet tintuża *xini speċjali mill-Grammastru* fl-okkażjonijiet ta' ferħ fil-Port il-Kbir. Wieħed għadu jista' jara l-mudell ta' dik ix-xini fil-Mużew Nazzjonali u issa x--xbieha tagħha tidher ukoll fil-munita ta' 10 ċenteżmi. Kienet xini l-aktar imżejna, biddeheb ilellex fuq il-partijiet minquxin ma' tulha, speċjalment fuq il-kabina għolja fil-poppa tagħha; kellha l-qlugħ abjad b'faxxi koħol u ħomor, b'salib kbir aħmar ta' l-Ordni fin-nofs u bnadar ta' lwien igħajtu jittajru mar-riħ fuq l-arbli. Kienet l-aħħar wirja ta' kburija fiergħa ta' dak l-Ordni glorjuż li, wara li ġġieled, għal 700 sena, eluf ta' drabi kontra l-aqwa għadu tal-Kristjanità, fl-aħħar, imdgħajjef, ċieda għar-rieda żonqrija ta' Napuljun ,bla telf ta' l-inqas qatra demm.

**U fi żmienna**

Fl-aħħar, storikament, tiġi l-munita taċ-ċenteżmu, li ġġib fuqha l-*George Cross,* id-dekorazzjoni li ngħatat, fl-1944, mir-Re Ġorġ Ħamsa, lill-"Gżira fortizza ta' Malta, lill-poplu u d-difensuri tagħha," talli, kif kiteb in-Nutar Pellegrini li semmejna, meta

għamel ħerba minn Malta l-għadu kiefer,
iżda l-Maltin għal darb'oħra fl-istorja
urew ħilithom, u fost sagrifiċċji
żammew sa l-aħħar iebes, sa ma nkisbet
rebħa fejjieda u ġieħ ta' erojiżmu;
......u d-dinja kollha
xegħlet b'tifħir għal dil-Gżira maħbuba.

Dawn huma t-tifkiriet li jġibulna quddiem għajnejna l-muniti l-ġodda. Għalhekk, il-flus li ser ikollna f'idejna għandhom mhux biss iservuna biex inħallsu bihom ,iżda wkoll biex ifakkruna fil-paġni glorjużi ta' l-Istorja sabiħa ta' Pajjiżna u biex iqanqluna ħalli ngħożżu l-istorja kbira ta' din l-art ċkejkna tagħna.